MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 54/2008

Kawza fil-lista: 18

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg fl-ewwel (1) ta’ Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001), skond certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b’ anomalija

psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

3. Illi l-kunsens ta' l-intimat inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex, ghar-ragunijiet premessi m' ghandux minn din il-Qorti:

Jigi dikjarat u deciz illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet, fl-1 ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19(d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut irrisponda li:

1. Illi huwa jaqbel illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-1 ta' Gunju 2001, huwa null u minghajr effett, izda dan kollu ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici.

2. Illi huwa jaf b' dawn il-fatti personalment.

Rat ir-rapport ex parte prezentat mill-Psikoterapista David Parnis, u semghet ix-xhieda tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-1 ta' Gunju 2001 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u, alternattivament, tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha

tieghu l-konvenut jattribwixxi n-nullita' taz-zwieg ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u wkoll lil-psikoterapista fuq imsemmi.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Gunju 2001 meta allura l-attrici kellha 23 sena u l-konvenut kellu 21 sena, u meta l-partijiet diga' kellhom tifel li twieled fis-26 ta' Awissu 1998. Wara konvivenza qasira u nfelici l-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Illi l-attrici tispjega li tul it-tlett snin qabel iz-zwieg huma kienu jabitaw flimkien ghand il-genituri taghha; u anke f' dan il-perijodu kienu jillitigaw hafna, u ma setghux jintegraw flimkien, kemm minhabba nkompatibbilita' tal-karattru, kif ukoll ghax ma kellhomx privatezza. Hemmhekk huma kien jghixu go kamra wahda. Kienet l-attrici li eventwalment bdiet tinsisti, anke fuq pressjoni tal-genituri taghha, li l-partijiet jizzewwgu, peress ukoll li t-tifel kien ser jibda l-iskola u riediet li tillegittimizza l-pozizzjoni tieghu.

Eventwalment il-konvenut ceda ghall-pressjoni li saritlu, u zzewwgu;  izda l-inkwiet bejn il-koppja kompla anke fiz-zwieg nonostante li kienu marru jghixu ghar rashom; u fl-ewwel sena taz-zwieg il-konvenut kien diga' qed isemmi li ried jissepara minn ma' martu li minn naha taghha pprovat tirranga s-sitwazzjoni biex ma jinfirdux. Huwa kien jghidilha li kien ghamel zball li zzewwigha u li fil-verita' qatt ma ried jizzewweg lill-attrici.

Il-konvenut, minn naha tieghu, jghid li jaqbel in sostanza mal-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici, u jghid li huwa ma kienx ihossu komdu ma' l-attrici anke tul il-koabitazzjoni ta' qabel iz-zwieg.  Huwa zzewweg that pressjoni u jispjega hekk: " Dak iz-zmien ma kontx inhossni b' sahhti bizzejjed biex naqbad, nippakkja kollox u nitlaq 'l hemm. Kont inhares lejn it-tifel, kont inhossni guilty, kont narani li ser nigi kkundannat mill-familja taghha, mill-familja tieghi.

Dik kienet ir-raguni u l-pressure li tant lahqet livell gholi li ridt niehu decizjoni.”[1] Jghid ukoll “.. jien l-hsieb tieghi kien, go fija kont naf li ma rridx tfal aktar.”[2] Il-konvenut jispjega li l-partijiet kienu jillitigaw tas-spiss fuq hafna affarijiet u “….. [circa] tlett darbiet li kont ser nitlaq, imbaghad minhabba li nara li se tqum dik l-ghaha kbira, nerga' noqghod”

Illi l-psikoterapista fix-xhieda tieghu, wara li spjega r-rizultat ta' l-ezami kliniku li kien ghamel tal-partijiet, ikkonferma fuq mistoqsija tal-Qorti, li f' dan il-kaz iz-zewg partijiet, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju fuq l-obbligi u drittijiet tal-hajja konjugali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess jirrizulta li z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, liema *caput nullitatis* jezisti fil-konfront taz-zewg partijiet.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Gunju 2008.

L-ispejjez tar-registru ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti wgwali; filwaqt li l-kumplament ta' l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Dep. 5 ta' Frar 2009
[2] Ibid.